**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**Onor. Imhallef**
**Joseph Zammit McKeon**

**Illum it-Tlieta 4 ta` April 2017**

**Rikors Nru. 324/2012 JZM**

**Fl-atti tal-Mandat ta` Qbid Nru 414/2012 fl-ismijiet :**

**Malta Ticket.com Limited**

**vs**

**Agenzija Heritage Malta**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ta` l-Agenzija Heritage Malta ["**l-ezekutata**"] fejn ghar-ragunijiet indikati talbet lill-Qorti sabiex :-

*1. Tordna r-revoka tal-mandat ta` qbid mahrug kontra l-agenzija esponenti li jgib ir-referenza (sic) stante illi :*

*(a) Huwa preklus li jinhareg mandat kontra l-Gvern ta` Malta a tenur ta` artikolu 837.2 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*<u>Alternattivament</u> :-*

*(I) A tenur ta` Artikolu 836.1.d tal-Kap 12 tal-Ligijet ta` Malta, l-ammont mitlub ma huwiex prima facie gustifikat u huwa eccessiv ;*

*(II) A tenur ta` Artikolu 836.1.c tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta` Malta, peress illi hemm garanzija sufficjenti sabiex tissodisfa kull pretensjoni esperita mis-socjeta` rikorrenti ;*

*(III) Ukoll illi l-mandat imsemmi qed jikkawza danni kbar lill-esponent u ma huwiex gustifikat fic-cirkostanzi, illi jibqa` jinzamm fis-sehh dana l-mandat, dana a tenur ta` artikolu 836.1.f tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tiddikjara illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-hrug tal-mandat de quo saret b`malizzja, u hija frivola u vesstorja u konsegwentement tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti penali ta` mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (EUR 1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (EUR 6,988.12) ai termini ta` Artikolu 836.8 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta u dana taht kull provvediment illi dina l-Onorabbli Qorti jidhirla xieraq u opportun.*

*3. Fin-nuqqas, a tenur ta` artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, fi zmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, tordna lis-socjeta` intimata taghti garanzija ghall-hlas tad-danni u imghax jew fin-nuqqas tnehhi l-mandat kawtelatorju.*

*Bl-ispejjez u b` riserva ghal kull azzjoni skond il-ligi.*

Rat ir-risposta li pprezentat l-Agenzija Heritage Malta ["<u>**l-ezekutanti**</u>"] fejn abbazi tar-ragunijiet hemm indikati talbet sabiex ir-rikors ikun michuda bl-ispejjez.

Semghet ix-xiehda u s-sottomissjonijiet.

Rat illi r-rikors thalla sabiex jigi dekretat kameralment.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

Qed jinghad illi ma jistax jinhareg mandat kontra l-Gvern ta` Malta.

Ir-riferenza hija ghall-Art 837(2) tal-Kap 12.

L-ezekutanti taghmel l-argument illi hija kienet kostitwita skont il-Kap 445, bil-ghan illi tizgura li dawk l-elementi tal-patrimonju kulturali tal-pajjiz fdati lilha jkunu protetti u jsiru accessibbli ghall-pubbliku.

Tghid illi m`ghandha xejn li huwa taghha peress li hija biss amministratur ta` beni fdati lilha u li huma patrimonju u proprjeta` tal-Gvern ta` Malta.

Min-naha taghha, l-ezekutata fissret illi l-kontroparti ghandha personalita` guridika distinta mill-Gvern ta` Malta skont l-Art 8(2) tal-Kap 445.

Inghad illi sabiex jista` jkun invokat l-Art 837(2), il-Gvern ta` Malta irid ikun hu stess l-intimat.

Il-Gvern ta` Malta mhux parti fil-procediment tal-lum.

L-ezekutanti fissret illi l-Agenzija ghandha assi li huma proprjeta` taghha, mhux tal-Gvern, kif jirrizulta minn dak li kien milqut bil-mandat de quo.

Jirrizulta illi Heritage Malta ghandha personalità guridika distinta u tista` taghmel kuntratti, takkwista, izzomm u tnehhi kull xorta ta` proprjetà ghall-finijiet tal-funzjonijiet taghha, jew li tharrek u tigi mharrka, u li taghmel dawk l-affarijiet kollha kif ukoll dawk l-operazzjonijiet li huma incidentali jew li jwasslu ghall-esercizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet taghha.

Jidher illi hemm distinzjoni bejn il-patrimonju kulturali li Heritage Malta ghandha l-inkariku illi "*tikkustodixxi*" fost affarijiet ohra u oggetti ohra li ma jaghmlux parti mill-proprjeta` kulturali u li fost ohrajn jistghu jkunu oggetti bhalma huma dawk mertu ta` din il-kawza.

Dawk l-oggetti jigu utilizzati biex l-Agenzija tkun tista` taqdi l-funzjonijiet taghha izda bhala entita` b` personalita` guridika taghha.

Pero` dawk l-oggetti ma jistghux jitqeghdu fl-istess livell ta` protezzjoni bhalma huma dawk li jiffurmaw parti mill-patrimonju kulturali.

Ladarba l-Art 837(2) tal-Kap 12 huwa eccezzjoni ghar-regola generali, l-interpretazzjoni tal-istess ghandha tkun ristretta.

Il-ligi trid illi mandat tax-xorta in kwistjoni ma jsirx kontra l-Gvern ta` Malta.

Fil-kaz tal-lum, il-Gvern ta` Malta la kien parti fil-mandat ; lanqas huwa parti fil-procediment tal-lum.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-eccezzjoni ravvizata bl-Art 837(2) tal-Kap 12 mhijiex applikabbli fir-rigward ta` assi ta` l-Agenzija, ghaliex ma jiffurmawx parti mill-patrimonju kulturali jew mill-proprjeta` kulturali.

**Ghalhekk l-eccezzjoni skont l-Art. 837(2) tal-Kap 12 hija <u>respinta</u>.**

**Ikkunsidrat :**

Il-Qorti tirrileva illi fi proceduri li jsiru ai termini tal-Art 836 tal-Kap 12 mhux kompitu taghha li tidhol fil-mertu tal-vertenza li tkun ghad trid deciza meta jingemghu l-provi kollha, ghaliex il-procedura mahsuba fl-Art 836 ghandha tkun wahda sommarja, u l-ezami ghandu jkun biss ta` *prima facie*.

Fil-provvediment li nghata fl-10 ta` Mejju 2001 minn din il-Qorti diversament ippreseduta fil-procediment "**Camilleri vs Gove et**" inghad illi *"mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta` prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja." (ara wkoll is-sentenza fil-kawza "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**" deciza fil- 5 ta` Gunju 2003).*

Dak illi l-Qorti trid tasal ghalih fi proceduri ta` din ix-xorta m`ghandu bl-ebda mod jitqies li nghata gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi proceduri bhal dan huwa marbut ma ezami x`aktarx formali ta` l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li ma kienx kommess abbuz. (ara Kumm : GMA : 23 ta` Gunju 1994: "**Hili et vs Farrugia noe et**").

Dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t`ghajn li l-ezekutant ghandu bazi ta` pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux ikun imxejjen jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. (ara : PA/RCP : "**Mercieca vs Galea**" – 29 ta` Novembru 2001 ; PA/RCP : "**Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited**" – 5 ta` Gunju 2007)

**Ikkunsidrat :**

Dan premess, il-Qorti sejra tghaddi biex tqis is-sussistenza o meno tad-disposizzjonijiet l-ohra citati in sostenn tal-istanza odjerna.

**L-Agenzija tirreferi ghall-paragrafu (c)**

Tghid illi diga` nghatat garanzija xierqa.

Jinghad illi l-ammont ta` EUR 427,075.22c kawtelat bil-mandat ta` sekwestru riferit kien depozitat b`cedola appozita.

Tajjeb jinghad illi skont il-paragrafu (c), mandat jista` jigi revokat ghal kollox jew ghal parti minnu, jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta` min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta` att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista` ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni.

Fil-provvediment illi tat fl-10 ta` Jannar 2013 fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 153/12 fl-ismijiet : "**Mabrouk Limited vs Joseph Ciantar**" din il-Qorti rrilevat illi *"sabiex tista` tasal ghat-thassir tal-Mandat skond l-Art.836(1)(c) tal-Kap 12, din il-Qorti trid tkun sodisfatta li hemm garanzija ohra li tista` tassigura bizzejjed il-pretensjoni."*

Fil-provvediment illi tat fis-6 ta` Novembru 2014 fil-procediment "**Magri vs Magri**" din il-Qorti diversament presjeduta rrimarkat illi *"d-dicitura tal-paragrafu (c) [tal-Artikolu 836 (1)] ma tistax titqies b`mod superficjali izda ghandha titqies b`mod akkurat ghaliex hija tal-fehma li bl-ghazla tal-aggettivi xierqa u bizzejjed li ghamel, il-legislatur ried jassikura li l-garanzija alternattiva tkun tajba daqs dik kawtelata bil-mandat."*

Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, jirrizulta illi wara l-ispedizzjoni tal-mandat ta` sekwestru nru 162/2012 ghas-somma ta` EUR 427,075.22, kienet prezentata cedola ta` depozitu nru 280/2012 fejn kien depozitat l-ammont indikat fil-mandat. Madanakollu skont l-ezekutanti l-ammont mhux ikopri l-pretensjonijiet kollha taghha. Irrizulta li l-kontrotalba li kienet ipprezentata

mill-ezekutanti fl-atti tar-rikors guramentat numru 1278/2011 (Dok MT2 a fol 34 u 35) tirrigwarda (i) pretensjoni ghal mizati jew danni wara allegata terminazzjoni ingusta ta` kuntratt bejn il-partijiet liema pretensjoni kienet ikkwantifikata fl-ammont ta` EUR 427,000 ; (ii) pretensjoni ghal danni rizultanti minn ksur tal-kuntratt bejn il-kontendenti partikolarment izda mhux biss l-obbligu ta` kunfidenzjalita` ; u (iii) pretensjoni biex proprjeta` partikolari taghha tigi ritornata lilha.

Skont l-ezekutanti, is-somma li kienet ikkawtelata bic-cedola ta` depozitu 280/2012 tkopri biss l-ewwel (i) pretensjoni. Inghad ukoll illi kien hemm proceduri mill-ezekutataa sabiex il-kawtela titnehha.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, l-ispedizzjoni tal-mandat ta` qbid in kwistjoni saret in vista tat-tielet (iii) pretensjoni ta` l-ezekutanti.

L-ezekutanti tikkontendi illi dik it-talba taghha tista` tigi biss kawtelata bil-mandat ta` qbid.

Wara li tqis l-impostazzjoni tal-pretensjonijiet tal-ezekutanti, din il-Qorti tghid illi ma kienx ippruvat li kien hemm garanzija sufficjenti li tikkawtela l-pretensjonijiet kollha ta` l-ezekutanti.

**Ghalhekk it-talba tal-ezekutata abbazi tal-paragrafu (c) qeghda tiigi respinta.**

**Tirreferi wkoll ghall-paragrafu (d).**

Dan jipprovdi ghat-thassir ta` mandat kawtelatorju meta jintwera li l-ammont mitlub ma kienx *prima facie* gustifikat jew kien eccessiv.

Fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta` Setembru 2008 fil-procediment ta` bejn "**<u>Casino-For-Me Limited u Chartwell Games (Malta) Limited</u>**" inghad illi ghar-rigward tal-paragrafu (d) dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa ta` ghajn l-ezekutant ghandux "*fumus juris*" ghaliex persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi

taghha, sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantiv tigi eppurata u deciza fil-kawza dwar il-mertu.

Fil-provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Lulju 2005 fil-procediment "**Galea vs Steward**" inghad hekk :-

*Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta` Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t`ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bazi ta` pretensjoni, (dak li f`oqsma ohra ta` dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f`somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m`ghandu qatt jinsa f`dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sa kemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f`att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t`ghajn bhala wiehed maghmul b`mod azzardat.*

Fil-provvediment illi tat din il-Qorti stess fit-13 ta` Awissu 2013 fil-procediment dwar Rikors Nru. 982/2012 fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 1378/2012 fl-ismijiet : "**Debono vs Demanuele et**" inghad hekk :-

*Fil-provvediment taghha tad-29 ta` Lulju 2005 filprocediment Rikors Nru. 336/2005 din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –*

*Wiehed m`ghandu qatt jinsa li f`dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f`dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu blebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova filmertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din*

*il-Qorti dwaru. (ara wkoll : PA. RCP. 10 ta` Mejju 2001. "Camilleri et vs Gove` et" u PA. RCP. 7 ta` Frar 2001. "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd")."*

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ezekutanti rnexxielha tipprova *prima facie* illi ghandha pretensjoni kawtelabbli. It-talba tal-ezekutata skont il-paragrafu (d) hija sprovvista minn kull prova meta kien jinkombi lill-ezekutata li taghmel din il-prova. Heritage Malta kemm allegat illi l-ezekutanti arbitrarjament waslet ghall-figura ta` €427,075.22. Ma kienx prezentat ghall-fini tal-prova *prima facie* l-ftehim bejn il-partijiet.

**Ghalhekk it-talba tal-ezekutata abbazi tal-paragrafu (d) qeghda tiigi respinta.**

**Tirreferi wkoll ghall-paragrafu (f).**

Dan jipprovdi ghat-thassir ta` mandat kawtelatorju jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx aktar mehtieg jew gustifikabbli li jinzamm fis-sehh *in toto* jew *in parte.*

Il-Qorti tirreferi ghall-provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta` Awissu 2010 fil-kaz "**Spiteri v Darmanin**".

Hemm inghatat tifsira preciza u korretta tad-disposizzjoni :-

*Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh ( Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et" .*

*Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z- zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz.*

Sabiex it-talba tkun tista` titwettaq jehtieg illi l-ezekutata tipprova bidla sostanzjali fic-cirkostanzi li abbazi taghhom ikun hareg il-mandat (ara :

4 ta` Frar 2016 : Rikors Nru. 1139/2015 : Mandat ta` sekwestru nru. 1454/15 fl-ismijiet : "**Pace et vs Camilleri et**".

Din il-Qorti stess fil-provvediment li tat fit-13 ta` Awwissu 2013 (Rikors Numru. 982/2012) fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 1378/2012 fl-ismijiet : "**Debono vs Demanuele et**" qalet illi :-

*Fil-provvediment taghha tal-10 ta` Awissu 2012 fir-Rikors Nru 688/2012 (op. cit.) din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –*

*Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din ittifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri" ; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona" ; u PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et").*

Sabiex issib kenn taht il-paragrafu (f), l-ezekutata kellha tipprova illi effettivament kien hemm bdil fic-cirkostanzi li ma jaghmlux il-mandat ragonevoli jew gustifikabbli. Wiehed irid jara jekk wara d-data tal-ispedizzjoni tal-mandat kienx ghad hemm il-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat. Il-prova tal-bdil fil-htigijiet baqghet ma saritx. L-ezekutata ma gabet l-ebda fatt jew cirkostanza ghall-konjizzjoni tal-qorti.

**Ghalhekk it-talba tal-ezekutata abbazi tal-paragrafu (f) qeghda tigi respinta.**

**Ikkunsidrat :**

Fir-rikors, l-ezekutata sostniet (paragrafi 11 u 12) illi t-talba kontenuta fil-mandat ta` qbid kienet intempestiva ghaliex il-vertenza dwar

jekk it-terminazzjoni tal-kuntratt kinitx legali jew le ghad trid tkun deciza b`arbitragg li huwa pendenti ; ghalhekk l-ezekutanti m`ghandhiex il-jedd li tikkawtela pretensjoni futura u incerta.

Fl-atti ma tirrizultax ebda kopja ta` l-arbitragg. Mir-rikors li jirrizulta huwa li t-talba fl-arbitragg bir-referenza 2981/2012 hija "*dikjarazzjoni fis-sens li l-avviz ta` kancellament tal-ftehim kummercjali bejn il-partijiet minn naha ta` l-intimat, debitament ircevut mir-rikorrenti fis-27 ta` Gunju 2011, ma pprekludiex lill-istess ftehim kummercjali milli jkun fil-process li jiggedded awtomatikament ghal erbgha (4) snin ohra wara l-20 ta` Dicembru 2011.*"

Kif tajjeb osservat l-ezekutanti, ikun xi jkun l-ezitu ta` l-arbitragg li jittratta dwar kif intemm il-kuntratt bejn il-kontendenti, dak li qed jigi kkawtelat bil-mandat ta` qbid jirrigwarda pretensjoni differenti. Dan qed jinghad peress li irrispettivament min ghandu ragun dwar it-terminazzjoni, tibqa` l-vertenza dwar jekk il-proprjeta` milquta bil-mandat hijiex proprjeta` ta` l-ezekutata jew tal-ezekutanti. Dik materja li trid tkun deciza fil-kawza. L-ezekutanti ghandha dritt li tikkawtela l-pretensjoni taghha.

**Ghalhekk il-pretensjoni ta` intempestiva qeghda tkun michuda wkoll.**

**Ikkunsidrat :**

L-ezekutata talbet wkoll mill-qorti sabiex timponi penali.

L-Art 836(8) jaghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun ipprezentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie prezentat l-att f`numru specifikat ta` kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-istess subartiklu.

Din il-Qorti tghid illi l-fatt wahdu li ma tkunx inghatat raguni tajba mill-ezekutat ghat-thassir tal-Mandat (kif gara fil-kaz tal-lum) ma jfissirx li, jekk kemm –il darba tirrizulta xi wahda mill-erba` cirkostanzi ndikati fl-Art 836(8) tal-Kap 13, il-Qorti m`ghandhiex tilqa` t-talba ghall-hlas ta` penali. Fi kwalunkwe kaz l-esercizzju tad-diskrezzjoni fl-imposizzjoni ta` l-penali ghandu jkun motivat u sostnut mill-assjem tal-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz.

Fil-kaz tal-lum, l-ezekutata qeghda titlob l-imposizzjoni ta` penali abbazi tal-paragrafu (d) li jirregola s-sitwazzjoni fejn it-talba tal-ezekutanti tkun frivola jew vessatorja.

Fil-kaz tal-lum, il-qorti ma ssib xejn frivolu jew vessatorju fl-agir tal-ezekutanti.

**Ghalhekk qeghda tirrespingi t-talba.**

**Ikkunsidrat :**

Intalab ukoll illi l-ezekutanti tkun ordnata tipprovdi garanzija ghad-danni li l-ezekutata allegatament tista` ssofri flimkien ma` imghax.

**L-Art 838A tal-Kap 12** ighid :-

*"Il-qorti tista`, meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b`rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista` tigi mposta u ta` danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju."*

Fil-provvediment li tat fil-31 ta` Lulju 2007 din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz "**Darmanin et vs. Cachia et**" qalet hekk :-

*"Il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta` mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta` dan l-artiklu. Lanqas ma jidher li huwa bizzejjed biex jikkonstitwixxi "kawza gusta" ghall-finijiet tal-artiklu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inhareg Mandat kawtelatorju tkun qeghda ggarrab danni minhabba dak il-mandat. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni, x`aktarx msejsin fuq il-htija kif imfissra fl-artiklu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili"."*

Fil-provvediment illi tat fis-6 ta` Frar 2014 fit-Rikors Nru 1221/2013 : "**<u>GasanMamo Insurance Limited et vs Roc A Go Crane Services Limited et</u>**" inghad hekk :-

*"Illi dan huwa konformi ma` dak li gie stabbilit fid-decizjoni "Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited" (P.A. (RCP) – 20 ta` Mejju 2002) u wkoll fid- decizjoni "Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et" (P.A. – 30 ta` Gunju 2000) fejn inghad:- "Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta."*

*Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm il-persuna li kontra taghha nhareg il-mandat ghandha diversi triqat x`taghzel li tiehu sabiex tipprotegi l-interessi taghha tul il-pendenza ta` l-istess mandat, inkluz ir-revoka ta` l-istess, it-talba ghall-hlas ta` penali u anke t-talba ghall-hlas ta` danni, u alternattivament it-talba ghall-hlas ta` garanzija, huma ntimament konnessa mal-mod kif intalab il-hrug talmandat kawtelatorju u c-cirkostanzi kollha prima facie li wasslu l-istess sabiex tali talba tintlaqa` mill-Qorti.*

*Illi din il-Qorti thoss li huwa principju assodat mill-gurisprudenza lokali li l-ezercizzju tad-dritt ma jista` qatt iwassal ghar-responsabbilta` ghad-danni, sakemm id-dritt ma jkunx abbuzat u sakemm l-istess dritt jkun ezercitat fil-limiti permessi fil-ligi. Fil-fatt fid-decizjoni "John Zarb vs Port Cottonera Limited" (P.A. (TM) – 18 ta` Settembru 2002) gie deciz li:- "Ghalhekk, gie deciz li min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b`mod vessatorju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez. Vol. XXXVIII.i.223); u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol.XXVIII.iii.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccosament jew b`mala fede, li hija tista` tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha".*

*"Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista` taqbel li ccirkostanzi ta` meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista` jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitat ghal dak provdut fl-artikolu 836 (8) tal-Kap 12, thoss li rresponsabbilta` trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap 16), b`mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b`imprudenza, b`negligenza jew mhux bil-hsieb ta` bonus pater familias".*

*Illi l-pozizzjoni dwar kawza ta` danni b`konsegwenza diretta ta` intavolar da parte tal-konvenuti ta` rikors ghallhrug ta` mandat ta` inibizzjoni gie trattat fil-kawza fl-ismijiet "Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri" (P.A. (J.S.P.) 10 ta` Jannar 1992) fejn gew riaffermati s-segwenti principji :-*

*(a) Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f`dan l-ezercizzju jkun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista` jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li lezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.*

*(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.*

*(c) Illi l-fatt li t-talba ta` min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e` in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca" ("Demajo vs Page" - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895) Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija listess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.*

*(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f`kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f`kazijiet ta` vessatorjeta` ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" - A.C. - XXXIX. I. 24) naxxenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius vs Dott. Carbone nomine" - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta` tali mandat kawtelatorju jkun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell`istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e` sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite". ("Mugliette vs Bezzina" - XXVI. I. 405).*

*(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li lelement ta` vessatorjeta` jimplika abbuz tad-dritt ta` azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi: - "Il diritto cessa dove comincia l`abbuso … riteniamo che basta, per proteggeree tutti l interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa`, di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti".*

*Applikat dan il-principju ghad-dritt ta` azzjoni kontra persuna jfisser illi " chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo` essere condannato a pagare un` indemnita` al suo avversario ….". (Baudry - Lacantinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg.560)."*

Din il-Qorti mhijiex tal-fehma li hemm bazi sabiex tintalab garanzija. Jidher *prima facie* illi l-ezekutanti agixxiet biex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha, u rrizultax abbuz fil-komportament taghha.

**Ghalhekk it-talba ghall-garanzija qeghda tkun rigettata wkoll.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez tal-provvediment tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**